DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 181326** **11.06.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Konferenza nazzjonali fil-jum kontra l-abbuż mid-droga, 'Ħajja ħielsa mid-droga – flimkien b'għan wieħed', fil-Parlament ta' Malta***

L-Ispeaker tal-Kamra Anġlu Farrugia ħabbar li fil-jum internazzjonali kontra l-abbuż mid-droga se tinżamm il-konferenza nazzjonali 'Ħajja ħielsa mid-droga – flimkien b'għan wieħed', nhar it-Tlieta, 26 ta' Ġunju 2018. Il-konferenza nazzjonali se tiġi organizzata mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali flimkien ma' Caritas Malta, il-Fondazzjoni Oasi u Aġenzija Sedqa.

F'kelmtejn tal-okkażjoni l-Ispeaker semma li madwar 89 miljun persuna fl-UE u eluf f'Malta huma milquta minn din il-problema. Tkellem dwar l-aspetti negattivi tal-abbuż mid-droga fuq l-individwi u fuq il-familjari tagħhom kif ukoll dwar il-problemi fis-soċjetà li jistgħu jwasslu lil dak li jkun biex jabbuża mid-droga.

L-Ispeaker Farrugia faħħar l-impenn ta' dawk dedikati f'ħidma ta' għajnuna u ta' appoġġ lil dawk milquta mill-abbuż tad-droga f'ħidma preventiva u riabilitattiva.

Indirizzaw il-konferenza wkoll il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali Michael Falzon u l-kelliem għall-Oppożizzjoni Claudio Grech.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**